**MINUTI - LAQGĦAT TAL-KUNSILL**

**IT-TMIEN KUNSILL**

**SEDUTA NRU. 5 - L-ERBGĦA, 5 TA' AWWISSU 2015**

Il-Kunsill iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv tiegħu fi Triq San Pawl, San Pawl il-Baħar fis-19:03.

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti: | Graziella Galea | Sindku |
| | David Thake | Viċi Sindku |
| | Alfred Grima | Kunsillier |
| | Raymond Tabone | Kunsillier |
| | Mandy Buhagiar | Kunsillier (waslet fit-19:50) |
| | Anne Fenech | Kunsillier |
| | Robert Piscopo | Kunsillier (wasal fit-20:15) |
| | Joseph Vella | Kunsillier |
| | Antoinette Bezzina | Kunsillier (Waslet fis-19:20) |
| | Stephen Cremona | Kunsillier |
| | Daniel Grima | Kunsillier (Wasal fit-19:40) |
| | Paul Gatt | Aġent Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati: | Paul Bugeja | Kunsillier |
| | Matthew John Barbara | Kunsillier |
| | Simone Aquilina | Chairperson KAB |
| | Rudy Dorekens | Ambaxxatur taż-żgħażagħ |

1. **APOLOĠIJI**

1.1. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv (SE) informa li l-Kunsillieri Bugeja kien infurmah li kien imsiefer u ma setax jibgħatlu notifika bl-email filwaqt li l-Kunsillier Barbara kien infurmah b'email li se jkun xogħol. Kopja ta' email hija annessa f'A. L-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ kien infurmah li se jasal tard minħabba li kien xogħol u ċ-Chairperson tal-Kumitat Amministrattiv infurmatu li ma tistax tattendi.

2. **APPROVAZZJONI TAL-MINUTI**

2.1. Tressqu l-minuti tal-laqgħa preċedenti li kienu meqjusa moqrija.

2.2. Il-Kunsillier Tabone ippropona biex fl-aħħar ta' para. 4.9 tiżdied sentenza li tgħid *"Il-Kunsillier Tabone talab li l-vetturi jkunu ta' livell EURO V jew aktar."* Il-Kunsill qabel.

2.3. Il-Kunsill qabel ukoll li fl-aħħar ta' para. 4.18 tiżdied is-sentenza "*Kien deċiż li l-Kunsillier D Grima jiltaqa' fuq il-post mal-Kunsillier Bugeja."*.

2.4. Il-Kunsill approva li tiddaħħal sentenza fl-aħħar ta' para. 7.13 li tgħid "*Huwa qal ukoll li ma kellux ċans jerġa jmur fuq il-post.".*

2.5. Il-Kunsill ma' laqax il-proposta tal-Kunsillieri Tabone u A Grima biex jitneħħa l-isem tal-ispettur minn para. 7.3.

2.6. Il-Kunsill approva wkoll li fil-para. 7.17 fit-tieni linja wara l-kelma "*laqgħa*" jiddaħħlu l-kliem "*fosthom is-Supretendent Bayliss*". Il-Kunsillieri A Grima u Tabone ddikjaraw ruħhom kontra din l-emenda filwaqt li l-Kunsillier Cremona astjena minħabba li ma kienx preżenti għal dik il-parti tal-laqgħa.

2.7. Meta l-Kunsill ġie biex japprova l-minuti, dawn għaddew b'erba' voti favur (is-Sindku, il-Viċi Sindku u l-Kunsillieri Fenech u Vella), tnejn kontra (il-Kunsillieri A Grima u Tabone) u astensjoni (il-Kunsillier Cremona).

2.8. Il-minuti kienu ffirmati mis-Sindku u mill-Aġent SE kif emendati.

3. **PUNTI MILL-MINUTI**

3.1. Dwar para. 3.7 is-Sindku infurmat li saret laqgħa li għaliha attendew is-Sur Ramon Deguara (Dipartiment tat-Tindif), l-MTA, il-kuntratturi tal-iskart domestiku u skart riċiklabbli u l-Kunsillier Cremona, dwar l-iskart mill-ħwienet u l-problema relatata. Dawn taw eżempju ta' kif taħdem is-sistema f'Paceville. Inbeda eżerċizzju biex l-MTA jaraw min għandu l-kollettur privat tiegħu.

3.2. Il-Kunsillier Cremona informa li huwa qed jipproponi miżata mill-ħwienet lill-Kunsill biex il-Kunsill jipprovdi servizz wieħed.

3.3. F'dan il-ħin waslet il-Kunsilliera Bezzina.

3.4. Il-Kunsillier A Grima fakkar li l-Kunsill huwa obbligat li jiġbor biss *household waste* mhux kummerċjali. Huwa semma wkoll eżempji ta' Cambridge li għandhom postijiet fejn jarmu l-iskart taħt l-art.

3.5. Is-Sindku infurmat li bil-ħsieb li jittaffew il-problemi tal-ħmieġ u t-tħollija tal-iskart, id-Direttur ta' CSD offra CCTV's sakemm ikun hemm konnessjoni mal-elettriku u naturalment il-Kunsill jidentifika s-siti.

3.6. Il-Kunsillier A Grima semma eżempju ta' Kunsill barra li installa numru ta' CCTV's bi ħlas nominali għall-Kunsill għaliex il-kumpanija li tinstalla dan il-mezz ta' sigurtà jkun jista' joffri s-servizz għall-benefiċċju tan-negozji u għalhekk huma wkoll jikkontribwixxu għall-ispejjeż.

3.7. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu identifikati siti fejn jistgħu jitpoġġew CCTV's.

3.8. Fuq proposta tal-Kunsillier A Grima, li ssekonda l-Viċi Sindku, l-Kunsill qabel li jaħtar sottokumitat li jkun jinkludi s-sieħba kollha neċessarji inkluż negozji u GRTU. Is-Sindku talbet lill-Kunsillieri biex min ikun interessat għandu jibgħat l-interess tiegħu/tagħha.

4. **SOSPENSJONI TAL-AĠENDA**

4.1. Il-Kunsill qabel li jissospendi l-aġenda biex jiltaqa' mas-Sinj. Joyce Dimech għall-kumpanija Dimbros assistita bl-avukat.

4.2. F'dan il-ħin wasal il-Kunsillier D Grima.

4.3. Wara li l-Kunsill sema' x'kellu jingħat mis-Sinj. Dimech u l-avukat, il-Kunsill qabel li jkompli l-laqgħa u jiddiskuti mill-ewwel item 7 fuq l-aġenda dwar is-sitwazzjoni tal-*patching.*

4.4. F'dan il-ħin waslet il-Kunsilliera Buhagiar.

5. **IS-SITWAZZJONI TAL-*PATCHING***

5.1. Is-Sindku infurmat li kienet saret laqgħa ma' Dimbros aktar qabel fil-preżenza tal-Periti tal-Kunsill. F'din il-laqgħa kien intqal minn Dimbros li kien il-Kunsill li ordna traqqiegħ bil-*cold asphalt* kontra r-rakkomandazzjoni tagħhom għaliex huma ma jistgħux joffru garanzija fuq il-*cold asphalt.* Il-Periti tal-Kunsill ukoll ma kinux qablu li x-xoghol ghandu jsir bil-cold asphalt.

5.2. Il-Kunsillier Tabone intervjena u saħaq li meta saret l-ordni fi żmien li kien Sindku hu kien meħtieġ xogħol urġenti u l-ispejjeż kienu kbar. Saħaq ukoll li l-Kunsill ma setax jaffordja li jagħmel ix-xogħol bil-*hot asphalt* u għalhekk ħass li kien jagħmel sens li juża materjal inferjuri sakemm kienet se tissolva l-problema tal-ħsarat fit-toroq.

5.3. Il-Viċi Sindku saħaq li l-Kunsill m'għandu qatt jagħmel affarijiet bħal dawn għax ifissru ħela ta' flus.

5.3a Il-Kunsillier A Grima semma li fil-preżent il-Kunsill qed juża l-*cold asphalt* tal-boroż mingħajr m'għandu *compactor*. Is-Sindku wieġbet li l-*cold asphalt* qed jintuża biss biex jimtlew il-ħofor u mhux tiswija fil-wisgħa.

5.4. Is-Sindku saħqet li jekk ma kienx hemm fondi kellhom jimtlew il-ħofor u mhux isir wide resurfacing b'cold asphalt għaliex dan kabbar il-problema. Il-Kunsillier Tabone saħaq li kienet TM li insistiet dwar il-fatt li kellu jitqatta' ħafna aktar.

5.5. Il-Kunsillier Tabone staqsa jekk saretx indaġni jekk il-materjal kienx tajjeb jew le.

5.6. Is-Sindku qalet li l-Perit tal-Kunsill kien stqarr li cold asphalt hu biss patching temporanju. Għalkemm ix-xogħol kien tħallas, ma nstabitx dokumentazzjoni mill-Periti tal-Kunsill li tiċċertifika dan ix-xogħol.

5.7. Is-Sindku pproponiet li x-xogħol għandu jissewwa bil-*hot asphalt.* Issekonda l-Kunsillier A Grima. Il-Kunsill qabel.

6. **KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU**

6.1. Is-Sindku infurmat li l-Kunsill kien għaddej bil-preparamenti tal-karnival tas-sajf li għalih il-Kunsill kien ibbenefika minn €5000 taħt l-iskema tal-attivitajiet kulturali.

6.2. F'dan il-ħin il-Viċi Sindku talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

6.3. Is-Sindku infurmat li kien hemm proposta mil-LEAP Qawra biex il-Kunsill jikkollabora fi proġett bi sħab mingħajr spejjeż għall-Kunsill. Il-Kunsill qabel.

6.4. Is-Sindku għamlet riferenza għall-PC application (MEPA) PC17/15 u oġġezzjonijiet mir-residenti għal din l-applikazzjoni. Is-Sindku infatti qrat korrispondenza mir-residenti. Kien hemm qbil unanimu li l-Kunsill jissapportja lir-residenti u għalhekk joġġezzjona mal-MEPA għal din l-applikazzjoni.

6.5. Is-Sindku infurmat li l-MEPA kienet qed tesprimi x-xewqa li tkun organizzata wirja tal-fotografija u taħdita pubblika bħala parti mill-proġett LIFE Baħar. Il-Wirja ssir il-Qawra bejn l-24 u t-30 ta' Awwissu u t-taħdita ssir matul dik il-ġimgħa mal-Kunsill. Il-Kunsill qabel ma' din il-proposta.

6.6. Is-Sindku infurmat li kien hemm talba biex il-Kunsill jagħmel ittra formali li ma jsibx oġġezzjoni biex il-ħanut Le Chalet jkun jista' jpoġġi imwejjed u siġġijiet fuq estensjoni ta' bankina diġa eżistenti. Hija infurmat ukoll li s-Segretarju Eżekuttiv preċedenti kien diġà ħareġ no objection permezz tal-email iżda l-MEPA talbu ittra formali. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni sakemm ikollu l-permessi kollha neċessarji.

6.7. Dwar numru ta' talbiet għal toroq biex isiru f'direzzjoni waħda is-Sindku infurmat li ghandu jigu mħejji rapport għall-Kunsill.

6.8. Is-Sindku infurmat li l-MEUSAC kienet qed tinforma lill-Kunsilli li l-applikazzjonijiet għat-*Town Twinning* u n-*Network of Twinned Towns* jinsabu miftuħin.

7. **APPROVAZZJONI TA' KONTIJIET U XIRI TA' OĠĠETTI/SERVIZZI**

7.1. L-Aġent SE ressaq il-lista ta' kontijiet pendenti għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

7.2. Huwa informa li l-Kunsillier A Grima talab xi informazzjoni fuq il-kontijiet bin-numri 573, 575, 626, 627 u 630. Minħabba li l-iskrivan li jipprepara l-lista ma kienx xogħol din l-informazzjoni titressaq fil-jiem li ġejjin. Is-Sindku staqsiet lill-Kunsillier A Grima jekk jixtieqx li jeskludu dawk il-pagamenti iżda huwa wieġeb fin-negattiv għaliex kull ma xtaq biss li jkollu l-informazzjoni.

7.3. Il-Kunsill imbagħad approva li jsiru l-ħlasijiet skont il-lista ta' kontijiet annessa f'B.

7.4. Il-Kunsillier A Grima irrefera għal kont numru 634 fejn qal li kien żball li l-Kunsill telaq id-devoluzzjoni għaliex kieku ma kienx jiġi dak il-kont. Dan sar jafu waqt li indaga bil-ħsieb li jiffranka l-flus lill-Kunsill. Is-Sindku infurmatu li dak il-kont ma kienx hemm ħsieb li jitħallas sakemm ma jinstabx li verament huwa dovut mill-Kunsill Lokali.

7.5. F'dan il-ħin il-Kunsillier Piscopo talab li jkun skużat.

*8.* **SKEMA GĦAL GĦAJNUNA FINANZJARJA GĦAL-LIBRERIJI**

8.1. Il-Kunsill iddiskuta din l-iskema u qabel li l-Kunsill jiffinanzja sa €300 għax-xiri ta' kotba ġodda jekk mill-iskema jieħu l-istess ammont ta' flus.

9. **PROĠETTI PENDENTI**

9.1. Is-Sindku infurmat li l-proġett tal-bandli ta' fejn l-iskola kien jeħtieġ reviżjoni fl-istimi u wkoll il-ħtieġa ta' aktar fondi mill-UIF. Kienu wkoll meħtieġa żewġ sejħiet għall-offerti, waħda għas-*civil works* u oħra għall-bandli nfushom. Kien hemm qbil dwar dawn il-punti.

9.2. Is-Sindku spjegat ukoll li hemm tliet proġetti li se tiffinanzja l-MTA. Dawn huma l-proġetti ta' Triq il-Luzzu, il-Menqa u Triq San Franġisk (qrib l-iskola primarja).

9.3. Il-Kunsillier A Grima staqsa dwar il-proġett ta' Triq San Gilardu iżda kien infurmat li dan jirrikjedi spiża kbira.

9.4. Il-Kunsill imbagħad iddiskuta s-suġġett tal-Gym fi Triq il-Port Ruman. Is-Sindku spjegat li l-Kunsill irid iħallas ammont kbir ta' flus li jeċċedi s-€17,000 lill-MEPA minħabba telf ta' parkeġġi jew parkeġġi li ma ġewx provduti.

9.5. Il-Kunsillier Tabone staqsa jekk saritx enfasi li l-użu ta' dan il-gym kien se jkun għal tfal taħt l-età u għalhekk il-ħtieġa ta' parkeġġi ma tapplikax.

9.6. Is-Sindku kompliet li kien hemm il-ħtieġa wkoll ta' *chair lift* fuq barra u aktar xogħol ġewwa. Barra minn hekk kien hemm il-problema li l-kuntratt jiskadi f'Diċembru 2016 u għalhekk wieħed jiddubita kemm jaqbel li jsir ċertu investiment fuq propjetà li mhux tal-Kunsill.

9.7. Il-Kunsillier Tabone spjega r-raġuni għaliex il-Kunsill preċedenti kera dan il-garaxx u li kienet biex it-tfal ikollhom fejn jiltaqgħu.

9.8. Is-Sindku kompliet semmiet li hemm diversi ilmenti u oġġezzjonijiet mir-residenti għal dan il-gym.

9.9. Il-Kunsillier D Grima informa li kien ikun aħjar kieku minflok Gym fl-applikazzjoni ssemma bħala Health Centre. Informa wkoll li kien avviċina persuna li tissuplixxi l-apparat u li jista' jkun lest li jinvesti fih hu.

9.10. Saret riferenza wkoll li kien meħtieġ *fire ventilation report.*

9.11. Il-Kunsilliera Buhagiar ipproponiet li jsiru l-arranġamenti biex mill-applikazzjoni ssir it-tibdil meħtieġ biex ma jibqax jissemma bħala Gym.

9.12. Kien issuġerit illi l-Kunsillier D Grima jkellem lill-persuna li jissupplixxi l-materjal biex jara jekk iridx jinvesti hu, jekk dan ma jaċċettax ikellem lis-sid tal-post bil-ħsieb li jikri l-post lill-Kunsill għal tliet snin oħra bla ħlas. Kulħadd ivvota favur ħlief il-Kunsillieri A Grima, Tabone, Buhagiar u Cremona li astjenew.

9.13. Il-Kunsillier Tabone staqsa x'sar mit-talba għad-devoluzzjoni taż-żona fejn il-grawnd tal-Qawra oriġinalment maħsuba biex isiru l-uffiċini. Is-Sindku ipproponiet li minflok uffiċini, kemm-il darba tingħata d-devoluzzjoni, ż-żona ssir għall-użu varju tal-Kunsill. Ivvutaw favur, is-Sindku u l-Kunsillieri D Grima, Vella, Bezzina, Fenech u kontra l-Kunsillieri A Grima, Tabone, Buhagiar u Cremona. Ghaldaqstant ghandu jigi nfurmat id-Dipartiment dwar dan.

9.14. F'dan il-ħin il-Kunsillier Tabone talab li jkun skużat mill-kumplament tal-laqgħa.

## 10. POST TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

10.1. Is-Sindku infurmat li kien iltaqa' l-Bord tal-għażla li ħejja rapport fejn, għar-raġunijiet imsemmija fl-istess rapport, il-Bord qabel li għandu jagħmel sejħa mill-ġdid. Hija infurmat ukoll li r-rapport huwa disponibbli għal min jixtieq jarah.

## 11. PROPOSTA DWAR MARKI FL-ART KONTRA L-ĦMIEĠ TAL-KLIEB

11.1. Il-Kunsillier Cremona ippropona li, biex il-pubbliku jkun aktar konxju, u biex il-Kunsill iwassal messaġġ aħjar, għandhom ikunu miżbugħa marki fuq il-bankini biex min ikollu kelb li jħammeġ, inaddaf warajh. Huwa esebixxa ritratt ta' eżempju simili.

11.2. Il-Kunsill qabel.

## 12. ĠARR U RMUNKAR TA' VETTURI ABBANDUNATI U OĠETTI

12.1. Il-Kunsillier D Grima informa li kien kellem persuna li lest joffri dan is-servizz bla ebda spejjeż għall-Kunsill filwaqt li jimxi strettament mal-liġi.

12.2. L-Aġent SE talab lill-Kunsillier D Grima biex jistaqsi lil dan il-persuna ħalli jgħaddi l-metodu kif se jkun qed jipproponi li jaħdem ħalli naċċertaw li jkun kommess li jimxi mal-liġi.

12.3. Il-Kunsill qabel li jiddiskuti.

13. **SISTEMI TAT-TRAFFIKU MINN KUNSILLI PREĊEDENTI**

13.1. Peress li l-Kunsillier li xtaq iressaq dan is-suġġett ma kienx preżenti l-Kunsill qabel li jtella' dan is-suġġett f'laqgħa oħra.

14. **KUNTRATT MA' BLUES LTD**

14.1. Minħabba ilmenti li kien qiegħed ikun hemm kien hemm qbil li ssir laqgħa ma' Blues Ltd fil-preżenza tal-avukat.

15. **SKEMA TA' WASTE RECOVERY SCHEME**

15.1. Kien hemm qbil li tinħareġ is-sejħa bejn iż-żewġ skemi li jeżistu biex jissottomettu l-proposti tagħhom.

16. **L-IRWOLI ASSENJATI LILL-KUNSILLIERI**

16.1. Kien hemm qbil li din tittella' f'laqgħa oħra minħabba li min ipproponiha ma kienx preżenti.

17. **TMIEM IL-LAQGĦA**

17.1. Qabel ma ntemmet il-laqgħa l-Kunsillier Vella informa li kien għaqqad sottokumitat taż-żgħażagħ magħmul minn dawn il-persuni li ġejjin:

17.1.1. Matthew Barbara (Kunsillier) u huwa.

17.1.2. Rebecca Micallef.

17.1.3. Clint Abela Wadge.

17.1.4. Shaun Vassallo.

17.1.5. Justin Vassallo.

17.1.6. Hubert Zammit.

17.1.7. Gabriel Camilleri.

17.2. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir l-Erbgħa t-2 ta' Settembru 2015 fis-7pm.

17.3. Il-laqgħa intemmet fl-10pm.

| | |
|---|---|
| *(iffirmati)* | *(iffirmati)* |
| **Graziella Galea** | **Paul Gatt** |
| Sindku | Aġent Segretarju Eżekuttiv |

**A**

## Gatt Paul at DLG

**From:** Matthew Barbara <[redacted]>
**Sent:** Monday, August 3, 2015 3:03 PM
**To:** Gatt Paul at DLG; alfred grima
**Subject:** Laqgha

Jien Matthew il laqa. Lil gejj ma nistax natendi ax sa,insertajt Lil xoghol u ma nistax. Nigi ghall laqgha
Grazzi u tisliejiet

B

Kunsill Lokali: San Pawl il-Baħar

## Skeda tal-Ħlasijiet - Rapport ta' Xiri u Pagamenti

**Data:** **06/07/2015 sa 29/7/15** **Skeda Nru.** **3**

| Ref | Fornitur | Ammont tal-Invoice | Ammont li ser Jithallas | Metodu* | | Deskrizzjoni | Data tal-Invoice | Nru. tal-Invoice | Nru. tal-PR | Nru. Tal-PO | Nru. tan-Nominal Account | Nru. Taċ-Ċekk |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 567 | Hotel Line Ltd | 44.84 | 44.84 | D | N/A | Misc. Items for Public Conveniences | 08-07-15 | 38927 | | | | |
| 568 | Bitmac | 257.00 | 257.00 | T | N/A | 50 bags Instant road repairs | 10-07-15 | 118668 | | | | |
| 569 | G4S | 191.16 | 191.16 | D | N/A | Cash Collection for June 2015 | 30-06-15 | GS012609 | | | | |
| 570 | Vincent Mifsud | 100.00 | 100.00 | D | N/A | Bulbs | 06-07-15 | 186124 | | | | |
| 571 | Mario Mallia | 75.25 | | T | N/A | Yellow paint | 25-07-15 | 256 | | | | |
| 572 | Mario Mallia | 145.13 | | D | N/A | Yellow paint and Black road marking | 08-07-15 | 229 | | | | |
| 573 | Mario Mallia | 43.32 | | D | N/A | Triangular Road sign Dawret il-Gzejjer & disabled parking sign | 12-07-15 | 246 | | | | |
| 574 | Mario Mallia | 43.32 | | D | N/A | Road sign Dawret il-Gzejjer | 12-07-15 | 245 | | | | |
| 575 | Mario Mallia | 17.50 | | D | N/A | Road sign No prking with time | 12-07-15 | 242 | | | | |
| 576 | Mario Mallia | 28.98 | | D | N/A | Road sign Triq il-Markiza Bugeja & maintenance | 12-07-15 | 241 | | | | |
| 577 | Mario Mallia | 147.35 | 500.85 | D | N/A | White and yellow paint | 19-07-15 | 255 | | | | |
| 578 | Peters Trading Ltd | 35.96 | | D | N/A | Misc. Items for Handyman | 10-06-15 | 52882 | | | | |
| 579 | Peters Trading Ltd | 95.58 | 131.54 | D | N/A | Misc. Items for Handyman | 20-05-15 | 52807 | | | | |
| 580 | Anthony Cordina | 102.24 | 102.24 | D | N/A | Service of librarian for the month of June 2015 | | | | | | |
| 581 | Saviour Mifsud | 712.50 | | T | N/A | Upkeep and Maintenance of Soft Areas services for May 2015 | 08-07-15 | 26 | | | | |
| 582 | Saviour Mifsud | 712.50 | | T | N/A | Upkeep and Maintenance of Soft Areas services for June 2015 | 08-07-15 | 27 | | | | |
| 583 | Saviour Mifsud | 712.50 | 2137.50 | T | N/A | Upkeep and Maintenance of Soft Areas services for July 2015 | 08-07-15 | 28 | | | | |
| 584 | CSD Office Trade | 168.47 | 168.47 | D | N/A | Stationery for Office use | 16-07-15 | 54019 | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 585 | Hotel Line Ltd | 51.92 | 51.92 | D | N/A | Miscellaneous items for Public Convenience | 16-07-15 | 38982 | | | | |
| 586 | MITA | 416.85 | 416.85 | D | N/A | July-September provision, maintenance and support of Wide Area Connectivity | 17-07-15 | MJLG/PR/36 | | | | |
| 587 | Jonstor | 1032.24 | 1032.24 | D | N/A | Misc. Items for Handyman | 12-07-15 | 4663 | | | | |
| 588 | Micamed | 114.00 | 114.00 | T | N/A | Triq il-Hgejjeg & Triq il-Baħħara | 16-07-15 | SPB 304 | | | | |
| 589 | Micamed | 123.50 | 123.50 | T | N/A | Triq il-Fliegu & Triq il-Mulett | 16-07-15 | SPB 305 | | | | |
| 590 | Micamed | 114.00 | 114.00 | T | N/A | Triq San Timotju & Triq Monsinjur Alfredo Mifsud | 20-07-15 | SPB 306 | | | | |
| 591 | Doobles | 1.60 | 1.60 | D | N/A | Stationery for Office use | 23-07-15 | 12380730 | | | | |
| 592 | Xzone | 64.40 | 64.40 | D | N/A | Misc items for Public Convenience | 23-07-15 | 1255 | | | | |
| 593 | 2R Malta Lighting Systems | 300.00 | 300.00 | D | N/A | 100 Energy saving bulbs | 08-07-15 | 189 | | | | |
| 594 | St. Paul Food Store | 50.68 | 50.68 | D | N/A | Food and misc. Items for Council office for July 2015 | | | | | | |
| 595 | A. Fenech Service Station | 50.00 | | D | N/A | Diesel for Local Council van | 03-07-15 | 1101 | | | | |
| 596 | A. Fenech Service Station | 70.00 | | D | N/A | Diesel for Local Council van | 09-07-15 | 1102 | | | | |
| 597 | A. Fenech Service Station | 50.00 | | D | N/A | Diesel for Local Council van | 17-07-15 | 1103 | | | | |
| 598 | A. Fenech Service Station | 85.00 | | D | N/A | Diesel for Local Council car | 20-07-15 | 1104 | | | | |
| 599 | A. Fenech Service Station | 80.00 | 335.00 | D | N/A | Diesel for Local Council van | 24-07-15 | 1105 | | | | |
| 600 | Dad's | 6.50 | 6.50 | D | N/A | Car wash | 09-07-15 | 13007 | | | | |
| 601 | Sijon | 10.52 | | D | N/A | Misc. Items for Local Council handyman | 08-07-15 | 1544 | | | | |
| 602 | Sijon | 30.40 | | D | N/A | Misc. Items for Local Council handyman | 07-07-15 | 75655 | | | | |
| 603 | Sijon | 1.80 | 42.72 | D | N/A | Misc. Items for Local Council handyman | 08-07-15 | 1546 | | | | |
| 604 | Bonnici Stores | 23.68 | | D | N/A | Misc. Items for Local Council handyman | 07-07-15 | 75655 | | | | |
| 605 | Bonnici Stores | 19.68 | | D | N/A | Misc. Items for Local Council handyman | 17-07-15 | 75712 | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 606 | Bonnici Stores | 9.98 | | D | N/A | Misc. Items for Local Council handyman | 10-07-15 | 75712 | | | | |
| 607 | Bonnici Stores | 21.02 | | D | N/A | Misc. Items for Local Council handyman | 02-07-15 | 75571 | | | | |
| 608 | Bonnici Stores | 20.30 | | D | N/A | Misc. Items for Local Council handyman | 23-07-15 | 75733 | | | | |
| 609 | Bonnici Stores | 4.17 | | D | N/A | Misc. Items for Local Council handyman | 27-04-15 | 74881 | | | | |
| 610 | Bonnici Stores | 74.36 | | D | N/A | Misc. Items for Local Council handyman | 17-06-15 | 75505 | | | | |
| 611 | Bonnici Stores | 6.61 | 179.80 | D | N/A | Misc. Items for Local Council handyman | 07-07-15 | 6.61 | | | | |
| 612 | Emanuel Bonnici | 956.25 | 956.25 | T | N/A | Garage hire from August-October 2015 | 10-07-15 | 7--15 | | | | |
| 613 | Smart Technologies | 59.00 | 59.00 | D | N/A | IT support covering June 2015 | 30-06-15 | 13726 | | | | |
| 614 | Sijon | 30.40 | 30.40 | D | N/A | Misc. Items for Local Council handyman | 24-07-15 | 1596 | | | | |
| 615 | I.V. Portelli & Sons Ltd | 11.00 | 11.00 | D | N/A | Service on Hedge cutter | 20-07-15 | IO19941 | | | | |
| 616 | I.V. Portelli & Sons Ltd | 21.70 | 21.70 | D | N/A | Chainsaw blade 57 links | 24-07-15 | IO19958 | | | | |
| 617 | J. Grima & Co. Ltd | 21.24 | 21.24 | D | N/A | Technician service charge for punch clock | 24-07-15 | 19098 | | | | |
| 618 | Salaries | 10290.89 | 10290.89 | D | N/A | Salaries for the month of July 2015 | | | | | | |
| 619 | Commissioner for Inland Revenue | 2845.84 | 2845.84 | D | N/A | Social Security contribution for the month of July 2015 | | | | | | |
| 620 | Hotel Line | 44.84 | 44.84 | D | N/A | Misc. For Public Conveniences | 27-07-15 | 39048 | | | | |
| 621 | WasteServ | 70.31 | | D | N/A | Dumping of waste | 01-07-15 | 58248 | | | | |
| 622 | WasteServ | 78.34 | | D | N/A | Dumping of waste | 15-07-15 | 58565 | | | | |
| 623 | WasteServ | 7313.33 | | D | N/A | Allocated waste for the month of May 2015 | 01-06-15 | 57784/58107 | | | | |
| 624 | WasteServ | 7313.33 | 14775.31 | D | N/A | Allocated waste for the month of June 2015 | 01-07-15 | 58420/58726 | | | | |
| 625 | Paul Scerri | 111.54 | 111.54 | D | N/A | Mechanic for van service | 22-05-15 | 3349589 | | | | |
| 626 | CA refuse Collection | 4473.59 | | T | Inv | Refuse collecction in SPB for the month of June 2015 | 30-06-15 | SPB 102 | | | | |
| 627 | CA refuse Collection | 3229.54 | 7703.13 | T | Inv | Refuse collecction in SPB for the month of June 2015 | 30-06-15 | SPB 103 | | | | |
| 628 | WM Environmental Ltd | 18265.81 | 18265.81 | T | Inv | Collection of household waste during May 2015 | 01-06-15 | 33 | | | | |
| 629 | WM Environmental Ltd | 18169.92 | 18169.92 | T | Inv | Collection of household waste during June 2015 | 01-07-15 | 34 | | | | |
| 630 | Road Services Ltd | 19134.32 | 19134.32 | T | Inv | PPP payment for road resurfacing | | | | | | |
| 631 | Socjeta Muzikali San Pawl | 90.00 | 90.00 | D | Inv | Advert for feast programme | | | | | | |

| | | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 632 | Kumitat Festa Marija Addolorata Sultana tal-Martri | 120.00 | 120.00 | D | Inv | Advert for feast programme | | | | | | |
| 633 | ARMS | 320.01 | 320.01 | D | Inv | Water and electricity bill - a/c 411000038945 from 28/3/15 to 11/5/15 | 15-06-15 | 20504935 | | | | Internet Banking |
| 634 | ARMS | 9343.58 | 9343.58 | D | Inv | Water and electricity bill - a/c 411000055730 from 26/6/13 to 17/2/15 | 30-06-15 | 20581917 | | | | Internet Banking |
| 635 | ARMS | 370.21 | 370.21 | D | Inv | | | | | | | Internet Banking |
| 636 | ARMS | 5064.00 | 5064.00 | D | Inv | Water and electricity bill - a/c 411000063098 from 28/2/15 to 1/6/15 | 30-06-15 | 20576880 | | | | Internet Banking |
| 637 | Vodafone | 124.80 | 124.80 | D | inv | Bill a/c no 4.7806.10.00.100000 | 01-07-15 | 47241907 | | | | Internet Banking |
| 638 | GO | 27.74 | 27.74 | D | Inv | Telephone bill - a/c 10204360 | 04-07-15 | 43921826 | | | | Internet Banking |
| 639 | GO | 75.58 | 75.58 | D | Inv | Telephone bill - a/c 10204361 | 04-07-15 | 43921825 | | | | Internet Banking |
| 640 | GO | 69.35 | 69.35 | D | Inv | Telephone bill - a/c 40417507 | 04-07-15 | 43929195 | | | | Internet Banking |
| 641 | GO | 20.99 | 20.99 | D | Inv | Telephone bill - a/c 40545847 | 04-07-15 | 43930182 | | | | Internet Banking |
| | **Sub Total c/f** | **114,534.26** | **114,534.26** | | | | | | | | | |